MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2011

Numru. 587/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Saviour Mifsud Bonnici**

**Kumpilazzjoni Nru: 587/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Saviour Mifsud Bonnici, ta’ 58 sena, bin Pio u Antoinette nee’ Ellul, imwieled Haz-Zebbug fil-5 ta’ Awwissu, 1951 u residenti gewwa ‘The Orchid’ Triq it-Tamal, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 638251(M).

Akkuzat talli nhar fis-16 ta’ Marzu 2009 ghal habta ta’ 23.45hrs gewwa l-Park and Ride, sitwata f’ Horns Ditch, Floriana:

1 Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, zamm lill Karl Farrugia detentur tal-karta tal-identita bin-numru 349490M, Shawn Vella detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 480389M u lil Dennis Agius detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 353290M kontra l-volonta taghhom;

2 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta avvenimenti li sehhew meta l-imputat kien qed isuq fil-Pieta fid-direzzjoni tal-Belt. F'dik il-parti tat-triq fejn hemm kurvatura qabel it-telgha ghall-*Portes des Bombes* kien hemm impatt zghir bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u vettura ohra li kienet qed tinstaq f'l-istess direzzjoni. F'din it-tieni vettura kien hemm ix-xufier, (Dennis Agius) u zewg passigiera (Shaun Vella u Karl Farrugia). Fil-waqt li l-imputat jghid li kien Dennis Agius li laqat il-vettura tieghu, Agius jghid li kien l-imputat li laqtu.

Illi jirrizulta ukoll li Agius ma waqfx fuq il-post imma baqa jsuq ghalhekk l-imputat saq ghal warajh; Agius saq ghal taht il-mina li taghti ghall-Blata-l-Bajda. Meta l-imputat, waqt li kien qed isegwi lil Agius, hareg minn taht il-mina ma rax il-vettura misjuqa minn Agius. Peress li l-estensjoni tat-triq li taghti ghal Blata-l-Bajda hija twila u dritta l-imputat allura haseb li Agius mar fid-direzzjoni tal-park and ride tal-Furjana ghalhekk huwa saq ghal hemm. Fil-fatt kellu ragun, ghaliex Agius kien qieghed hemm fil-

vettura tieghu flimkien maz-zewg passiggiera. Dak il-hin fil-park and ride ma' kienx hemm vetturi jew persuni ohrajn.

Illi l-imputat waqqaf il-vettura tieghu biswit il-vettura ta' Agius; hareg mill-vettura u beda jkellem lil Agius biex jiehu d-dettalji tieghu. Dak il-hin hargu z-zewg passigiera u avvicinaw lill-imputat; wiehed minnhom kellu gelat f'idejh (McFlurry) u tefghu fid-direzzjoni ta'l-imputat; il-gelat laqat kemm il-vettura ta' l-imputat kif ukoll il-vettura ta' Agius. L-imputat ma rrealizzax li dak kien gelat, beza u ghalhekk hareg pistola finta u ppuntaha lejn il-guvintur li da parti taghom ukoll inhasdu, fil-fatt dahlu jigru lura fil-vettura. Meta ghamlu hekk l-imputat cempel lill-pulizija biex jigu fuq il-post; dawn gew ftit wara.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tnejn: li arresta tlett persuni illegalment, u li waqt il-kommissjoni ta' delitt kontra l-persuna huwa kellu fil-pussess tieghu imitazzjoni ta' arma tan-nar.

Illi jibda biex jinghad li Dennis Agius u Shaun Vella[1] ma kienux krebibbli f'kull aspett tad-depozizzjoni taghhom, b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda il-parti tar-rakkont dwar kif sehhet il-kollizjoni u kif spiccaw il-park and ride. Pero minkejja dan, il-fatti principali u l-aktar relevanti ghal-kaz in ezami (dawk fuq riassunti) jirrizultaw ampjament u fil-verita ma tantx hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta nkontestat li l-imputat "*arresta*" lit-tlett guvintur fuq imsemmija, pero fis-sottomissjonijiet maghmula f'ismu l-abbli difensur ta'l-imputat sostniet li huwa kien qed jezercita dritt taht l-artikolu 355W tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe 'l hekk imsejjah *citizens arrest*. Dan l-artikolu, f'l-ewwel subinciz tieghu, jipprovdi hekk:

[1] Karl Farrugia prevalixxa ruhu mill-fakolta li ma jixhidx.

*Kulhadd ukoll jekk ma jkunx ufficjal pubbliku jista' jaghmel arrest minghajr mandat lil xi hadd li jkun fl-att li jaghmel jew li jkun ghadu kemm ghamel delitt li jolqot il-paci u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omicidju volontarju jew offiza kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dhul volontarju illegali jew hsara lill-proprjetà.*

Illi d-difiza qed tikkontendi li meta sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi meta kien ghadhom il-Pieta, Dennis Agius ikkometta wiehed mid-delitti imsemmija f'l-artikolu 355W, cioe hsara lill-propjeta, u ghalhekk l-imputat kellu kull jedd li jarresta lit-tlett guvintur.

Illi din id-dispozizzjoni tal-Ligi li tipprovdi ghad-dritt tac-cittadin li jarresta lil xi persuna li qed jaghmel jew ghadha kif ghamlet xi delitt hija dispozizzjoni relattivament ricenti. Qabel l-introduzzjoni ta' din d-dispozizzjoni l-Ligi kienet tirrikonoxxi l-fatt li setghu jezisti cirkostanzi fejn ic-cittadin privat seta' jarrest lil xi hadd, tant li l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprojbixxi l-arrest illegali jammetti bhal eccezzjoni dawk il-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta li xi hadd. Ghal zmien twil pero kien hemm lacuna fil-Ligi fis-sens li dawn il-kazijiet meta l-privat seta' jarresta lil xi hadd ma kienux specifikati fil-Ligi.

Illi dwar dan in-nuqqas kien ikkommenta l-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu.

*In the second place it will be noticed that section 85 (illum 86) saves from its own operation the cases in which the law authorises private individuals to arrest offenders. The question naturally arises: which are these cases? Article 106 of the French Code of Procedure specified such cases in express terms by laying down that, not only the members of the police force, but also any and every other person was bound to arrest any offender caught in the act or followed by the hue and cry, in order to take him before the competent authority, without the necessity of any*

*grave punishments. Our laws of procedure contain no such formal and express provision.*[2]

Illi l-legislatur provda ghal din l-lacuna fil-Ligi permezz ta'l-Att III tas-sena 2002 u l-introduzzjoni ta'l-artikolu 355W fuq kwotat.

Illi huwa car li d-dritt tac-cittadin li jarresta hu, minflok il-pulizija, persuna li tkun qed taghmel jew tkun ghada kif ghamlet delitt huwa intiez biex jassigura li persuna li tkun allegatament wettqet delitt tkun tista' tigi konsenjata lill-awtoritajiet kompetenti biex tigi investigata skond il-Ligi u processata jekk ikun il-kaz. In oltre ghandu jkun car ukoll li dan id-dritt ghandu jigi ezercitat meta l-pulizija ma jkunux prezenti waqt it-twettieq tar-reat u, meta fin-nuqqas ta'l-arrest da parti tal-privat, il-persuna li wettqet dak id-delitt ser jirnexxiela tevadi l-process investigattiv u l-process gudizjarju li jista' jsegwi.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-interpretzzjoni u l-applikazzjoni ta'l-artikolu 355W ghandha tiehu in konsiderazzjoni ta', u taghti certu piz, lill-fatt li l-arrest jikkostitwixxi deprivazzjoni ta' liberta, dik il-liberta li hija wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li huma sanciti permezz tal-Ligi domestika u dik internazzjonali. Fil-fatt f'l-ordinament guridiku taghna hemm diversi dispozizzjonijiet penali, u mhux biss, intiezi biex jassigura li l-ezercizju tad-dritt ta' l-arrest mill-awtorita kompetenti, il-pulizija, il-mod kif jigi esegwiet l-arrest, u x'jigri waqt il-perjodu ta' arrest ikunu dejjem b'rispett u b'salvagwardja tad-drittijiet funadamentali kollha tal-persuni arrestati.

Illi ghalhekk l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu 355W, u konsegwentement l-ezenzjoni mis-sanzjoni tal-Ligi ghall-arrest illegali predisposta f'l-artikolu 86, bil-fors ghandha tkun wahda restrittiva. Dan mhux biss biex tassigura li l-arrest mill-privat isir b' rispett u salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-persuna li l-privat ikun ser jarresta, imma anke biex jigi assikurat li dan id-dritt tal-privat jigi ezercitat eccezzjonalment u

[2] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 34.

konsegwentement jigi evitat li kull minn jidhirlu (gustament jew ingustament) li xi hadd iehor ghamel xi haga hazina jusurpa l-poteri tal-pulizija bil-perikolu kollha li dan jista' jgib mieghu.

Illi tenut kont ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, il-kliem "*jkun ghadu kemm ghamel delitt ...*" f'l-artikolu 355W ghandhom jigu interpretati fis-sens li l-persuna koncernata ghandha tigi arrestata immedjatament wara l-eghmil tad-delitt.

Illi, u fil-kaz in ezami, jekk verament kien Dennis Agius li habat mal-vettura ta'l-imputat u mhux bil-kuntrarju, l-imputat kellu dritt jarresta lill Dennis Agius biss u mhux liz-zewg guvintur l-ohra ukoll. In oltre huwa kellu jarresta lil Agius waqt li kien qed jaghmel il-hsara (fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami impossibbli ghaliex dak il-hin it-tnejn kienu qed isuqu) jew meta kien ghadu kif ghamel il-hsara. Fil-fehma tal-Qorti kemm it-trapass taz-zmien li ghadda bejn il-mument ta'l-impatt tal-vetturi u l-mument ta'l-arrest tat-tlett guvintur, kif ukoll, u b'mod partikolari, l-avvenimenti li sehhew bejn il-mument ta'l-impatt u l-mument ta'l-arrest huma prova tal-fatt li l-arrest ma sarx meta Agius **kien ghadu kif ghamel** hsara fil-vettura ta'l-imputat.

Illi in oltre l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir referenza partikolari ghal dak li qal l-imputat stess fid-depozizzjoni tieghu. Huwa jghid li saq wara Agius, ghal xi hin tilfu, prova jiddeduci fejn baqa sejjer Agius u saq ghal hemm, meta sabu hareg mill-vettura tieghu u beda jitkellem ma' Agius. Agius ma ghamel l-ebda moviment u b'l-ebda mod ma provoka r-reazzjoni ta' l-imputat li rrizultat f'l-arrest tat-tlett guvintur. Fil-fatt l-imputat kien car fis-sens li kien biss l-agir ta' Shaun Vella u, b'mod partikolari, ta' Karl Farrugia li inducih biex jarresta lill-guvintur in kwistjoni. Tant hu hekk huwa pponta l-pistola (finta) lejn il-guvni li tefa' l-gelat lejh, cioe Karl Farrugia.

Illi fil-verita minn ezami tad-depozizzjoni ta'l-imputat jidher car li hu hareg l-arma finta u arresta lit-tlett guvintur mhux minhabba l-habta li kienet sehhet jew minhabba xi haga li ghamel jew m'ghamilx Dennis Agius, imma ghaliex huwa beza' meta sab ruhu wahdu f'sitwazzjoni fejn hass ruhu

intimidat. L-imputat jghid li Shaun Vella u Karl Farrugia "*gew affrontawni b'mod l-aktar aggressiv ..... dahlu rashom f'wicci u l-lingwagg li bdew juzaw kienet xi haga nkredibbli mhux biss joffenduni b'ommi imma b'Alla u l-qaddisin kollha*". L-imputat ikompli jirrakkonta "*li jien kont cert li ser jaggreduni pero wiehed minnhom dar u ... xehet xi haga li kienet likwidu abjad ... dak il-hin jien ippanikjat ... ridt nohrog minn din is-sitwazzjoni ... li gieni f'rasi dak il-hin grejt lejn il-karozza tieghi u ftaht il-glove compartment ... u ... hrigt toy pistol ippuntajta lejn il-persuna li tefghtli l-likwidu u ghidtllihom jidhlu fil-karozza.* ***Li kelli ghaddej f'mohhi kienet li ridt ingib is-sitwazzjoni taht kontroll***".

Illi ghalhekk huwa car li fil-mument ta' l-arrest taghhom da parti ta'l-imputat it-tlett guvintur ma kienu ghamlu xejn minn dak elenkat f'l-artikolu 355W ghaliex f'dak il-mument la kienu qed jaghmlu u lanqas kienu ghadhom kif ghamlu xi delitt li jolqot il-paci u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omicidju volontarju jew offiza kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dhul volontarju illegali jew hsara lill-proprjetà.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni addebitata lill-imputat hija li waqt li kkommetta delitt kontra l-persuna huwa kellu fil-pussess tieghu imitazzjoni ta' arma tan-nar.

Illi hadd ma jista jinnega li f'l-incident in kwistjoni l-imputat kellu fil-pussess tieghu imitazzjoni ta' arma tan-nar pero ma jistghax jinghad li d-delitt li tieghu qed jinstab hati huwa delitt kontra l-persuna.

Illi l-imputat qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni li hija arrest illegali ta' persuna. Pero skond l-ordinament guridiku taghna din mhiex delitt kontra l-persuna; harsa lejn il-Kodici Kriminali u kif inhu klassifikat dan id-delitt m'ghandu jhalli l-ebda dubbju li l-arrest illegali huwa delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u

amministrazzjonijiet pubblici ohra. Konsegwentement din it-tieni imputazzjoni ma tirrizxultax.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex jagixxi bil-mod kif agixxa, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha wara li rat l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------